# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 734/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Keith Gravina**
**(K.I. 605681M)**

**Illum, 06 ta' Novembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Keith Gravina** ta' 36 sena, imwieled il-Pietà, iben John u Josephine nee' Sultana u residenti Ent 6, Fl 6, Triq Mary Carter, Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 605681M fejn huwa ġie akkużat:

> Talli nhar it-13 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01.30 hrs) fi Triq WignaCourt, Birkirkara:-
>
> 1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Betti Saliba hekk kif iċċertifika Dr. Carlo Refalo MD;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, fuq it-telefon ċellulari għad-dannu ta' Betti Saliba, liema ħsara tammonta għal valur li ma jkunx jiskorri l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250);

3. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati Maltin ippresjeduta mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D. nhar il-25 ta' Lulju 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tista tiġi mibdula;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt sentenza sospiża, liema sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati Malta ppreseduta mill-Maġistrat Dr. C Farrugia Frendo LL.D nhar it-22 ta' Marzu 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. U Aktar talli kiser il-conditional discharge taħt l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta fit-12 ta' Diċembru 2017 mill-Maġistrat Dr. A. Bugeja

Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' l-imputat Keith Graivna bħala reċediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għall-reati, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat illi nhar it-02 ta' Settembru 2022, l-Avukat Ġenerali bgħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Keith Gravina jiġi ġġudikat minnha u li fil-15 ta' Mejju 2023, l-istess Keith Gravina ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Smegħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardjaw allegat inċident li seħħ nhar it-13 ta' Settembru 2018 ġewwa residenza fi Flat 1, Wignacourt Apartment, Triq Wignacourt, Birkirkara. Dakinhar, l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara rċevew informazzjoni li kien għadu kemm seħħ xi inċident ġewwa din ir-residenza u fuq il-post marru PS902 Carol Spiteri, PS 198 Jennifer Caruana u PC 741 Keith Vassallo u hemmhekk sabu lil ċerta Kristab Savelievs li indikalhom li fi Flat 1 kien hemm mara, Bettie Saliba, li kellha bżonn l-assistenza medika peress li kellha wiċċha kollu dmija u ħafna tbenġil ma ġisimha. PS 198 Jennifer Caruana telgħet fl-appartament fejn hemmhekk kellmet lill-vittma Bettie Saliba fejn spjegat li fl-appartament kien hemm dak il-ħin ċerta Kristab Savelievs, Justyna Patrycja Pakula u Keith Gravina.

PC741 Keith Anthony Vassallo qal li x'ħin waslu fuq il-post, raw persuna ħierġa mill-blokka ta' appartamenti li x'ħin ra l-pulizija ħarab minn fuq il-post. PC902 Carol Spiteri qal li telqu jiġru warajħ, arrestawħ u ħaduħ l-għassa tal-pulizija. Din il-persuna rriżultat li kienet l-akkużat Keith Gravina li anke kellu xi dmija ma jdejħ.

Il-vittma Bettie Saliba xehdet[1] fejn qalet li hija saret taf lil Keith Gravina peress li kien klijent tal-ħanut fejn kienet taħdem qabel ma fetħet il-kafetterija tagħha. Dakinhar tal-inċident l-akkużat kien fil-kafetterija qed jixrob. Magħhom kien hemm terza persuna. X'ħin sar il-ħin biex tagħlaq iddeċidew li jmorru jkomplu jixorbu fl-appartament tagħha. Qalet li wara ftit marret torqod fil-kamra tagħha. Qalet li waqt li kienet rieqda Keith Gravina attakkaha u qabad itiha bil-ponn f'kull parti ta' ġisimha. Qalet li dak il-ħin bdiet twerżaq u tgħajjat għall-għajnuna. Qalet li l-akkużat anke neħħilha l-ħwejjeġ minn fuqha u li pprova joqtolha b'*extension* tal-elettriku. Hi rritaljat billi gidmitu u anke laqtitu b'diversi oġġetti f'rasu. Bdiet tgħajjat u l-*flatmate* tagħha Justyna Pakola ċemplet lill-pulizija. F'din l-alterkazzjoni l-akkużat kissrilha żewġ *mobile phones*. Qalet li mbagħad ġew il-pulizija u hi marret l-isptar. Qalet li minħabba l-grieħi li kellha kienet kostretta tgħalaq il-kafetterija tagħha għal ġimgħa sħiħa.[2] Hi ppreżentat ukoll sett ta' ritratti li ħadet hi stess li juru l-ġrieħi li sofriet. Il-ġrieħi kkaġunati kienu ta' natura gravi skont kif iċċertifikat u kkonfermat minn Dr. Carlo Refalo.[3]

Justyna Patrycja Pakula xehdet[4] illi hija tirrisjedi fl-istess appartament fejn seħħet din l-alterkazzjoni u waqt li kienet qegħda fil-kamra tagħha semgħet ħafna għajjat u storbju. Qalet li beżgħet toħroġ mill-kamra tagħha biex tara x'ġara iżda ċemplet lill-pulizija għall-assistenza. Qalet li dakinhar hi rat lil Keith Gravina fil-kċina fl-appartament tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-vittma u l-parte ċivile kienu jafu 'l xulxin u li dakinhar tal-inċident l-akkużat kien fl-appartament tal-vittma. Fl-istess appartament kien hemm ukoll Justyna Patrycja Pakula peress li jidher li dan l-appartament huwa mikri lil diversi persuni. Jirriżulta li għal xi raġuni, l-akkużat daħal fil-kamra tas-sodda meta l-vittma kienet rieqda u attakkaha vjolentement, tant li kkaġunalha diversi tbenġil fuq ġisimha. Naturalment il-

---

[1] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Jannar 2020, a fol. 92 tal-atti proċesswali.
[2] Ara x-xhieda mogħtija fl-14 ta' Jannar 2022 a fol. 205 tal-atti proċesswali.
[3] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Ottubru 2020, a fol. 131 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija fis-06 ta' Marzu 2020, a fol. 103 tal-atti proċesswali.

vittma irritaljat dan l-attakk billi offriet residenza kontriħ. Illi kemm il-vittma, kif ukoll Justyna Patrycja Pakula kkonfermaw li Keith Gravina kien fl-appartament ftit tal-ħin qabel ma ħebb għall-vittma. PC741 Keith Anthony Vassallo u PC902 Carol Spiteri kkonfermaw li l-akkużat kien fil-blokka tal-appartament meta waslu fuq il-post u li ħarab hekk kif ra l-pulizija. PC902 Carol Spiteri ikkonferma li l-akkużat kien b'żaqqu barra u kien jidher b'xi dmija ma jdejħ. PS 198 Jennifer Caruana ikkonfermat li hekk kif marret ħdejn il-vittma ratha b'wiċċha mimli dmija u ħafna tbenġil ma ġisimha.

Illi l-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita l-verżjoni kemm tal-parte ċivile kif ukoll tal-pulizija peress li dawn jikkumplimentaw lil xulxin. Illi fil-ħin tal-aggressjoni Justyna Patrycja Pakula, persuna li kienet magħluqa fil-kamra tagħha, ikkonfermat li semgħet l-għajjat u storbju tant qawwi li ħassitha mbeżża' toħroġ tara x'ġara.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ġie suffiċjentement ipprovat li l-akkużat kien fl-appartament dakinhar tal-akkużi u li x'ħin marru fuq il-post, il-pulizija rawħ jipprova jaħrab minn fuq il-post, b'żaqqu barra u bid-dmija ma jdejħ. Dawn iċ-ċirkostanzi ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi l-verżjoni tal-parte ċivile għandha mis-sewwa. Di più il-ġrieħi sofferti mill-*parte ċivile* huma verosimili mal-verżjoni tagħha li dawn ġew ikkawżati mill-attakk fuqha mwettaq mill-akkużat.

Għalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-akkużat għandu jinsab ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova tal-ħsarat allegatament ikkaġonati lit-telephones ċellulari tal-parte ċivile. L-unika referenza fl-atti tinsab fix-xhieda tal-vittma, iżda la tressqet prova tal-eżistenza tal-mobile phones, tal-propjetà tagħhom, tal-valur tagħhom jew tal-ħsarat ikkaġonati.

B'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li din it-tieni akkuża ma ġietx ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi u b'hekk l-akkużat ma jistax jinstab ħati ta' din l-akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat talab li jitwettaq *Social Enquiry Report* u mir-rapport, datat 19 ta' Lulju 2019[5] jirriżulta illi l-akkużat kellu trobbija infeliċi u kien maħkum mill-vizzju tad-Droga. Jirriżulta minn dan ir-rapport illi Keith Gravina jixtieq li jegħleb il-problemi tiegħu iżda mhux dejjem issib is-saħħa li jagħmel dan.

Illi mill-aġġornament tas-*Social Enquiry Report* datat 20 ta' Ġunju 2023[6] jirriżulta illi Keith Gravina għamel kambjament għall-aħjar. Jirriżulta li fiż-żmien tar-rapport huwa kellu snack bar fiż-żona industrijali tal-Imrieħel. Minn dan l-aġġornament jirriżulta illi rnexxielu jegħleb il-vizzju tad-droga u li llum-il ġurnata Keith Gravina huwa bniedem għalkollox differenti mill-persuna li kien erba' snin ilu. Finalment, l-uffiċjal tal-probation tisħaq fir-rapport tagħha illi *"Huwa importanti li jkompli jgħix il-ħajja stabbli li rnexxielu jikseb u jibqa' 'l bogħod mid-droga*".[7]

Ikkunsidrat;

Illi min-naħa l-waħda, u abbażi tal-aġġornament tas-*Social Enquiry Report* il-Qorti ma tistax ma tikkummentax fuq il-progress li għamel Keith Gravina fil-ħajja tiegħu. Madanakollu, ma tistax ma taħsibx ukoll fuq l-attakk improvokat u vjolenti li sar fuq il-parte ċivile waqt li kienet rieqda fil-kamra tas-sodda tagħha. Dan huwa każ fejn l-akkużat kien mistieden id-dar tagħha u attakkaha meta kienet l-aktar vulnerabbli, ċioè waqt li kienet rieqda. Di più, ma tressqet ebda prova li dan l-attakk kien ipprovokat minn xi tilwima jew kien xi attakk in difesa. Anzi, jirriżulta li dan l-attakk kien improvokat u mingħajr ebda neċessità.

[5] Ara Dok JF1 a fol. 77 et seq tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok "JF" a fol. 280 tal-atti proċesswali.
[7] Ara fol. 285 *a tergo* tal-atti proċesswali.

Illi l-Qorti ma tista' lanqas tinjora l-gravità taċ-ċirkostanzi wara dan ir-reat u għalkemm jingħad fil-*Social Enquiry Report* li l-akkużat irriforma ruħu, jibqa' l-fatt li dan ir-reat twettaq mill-akkużat propju meta kien qed jiskonta numru ta' sentenzi preċedenti mogħtija minn dawn il-Qrati fejn huwa ġie fdat mill-Qorti sabiex jirriforma ruħu.

Illi aktar minn dan, jirriżulta mis-sentenza mogħtija fil-konfront tal-istess akkużat fit-22 ta' Marzu 2018[8] li din il-Qorti, diversament presjeduta, qalet testwalment hekk:

> *"Minkejja li l-imputat kellu tfulija diffiċli il-Qorti mhux qed iskuża lill-imputat għall-azzjonijiet tiegħu, l-ebda trobbija u t-tfulija m'għandha tittieħed bħala skuża biex wieħed jaġixxi kif aġixxa l-imputat fil-konfront tal-persuni kkonċernati.* ***Għalhekk din is-sentenza għandha sservi bħala l-aħħar tbeżbiża u l-Qorti tgħarraf lill-imputat li l-konsegwenzi se jkunu ħafna agħar jekk se jerġa' jxellef difru mal-liġi."*** (Emfasi ta' din il-Qorti).

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-akkużat kien ben konsapevoli li s-sentenza tat-22 ta' Marzu 2018 kienet se tkun l-<u>aħħar ċans tiegħu</u> sabiex jirriforma ruħu u l-akkużat, minflok ma approfitta ruħu minn din l-aħħar opportunità, xellef difrejh mal-liġi bil-każ odjern <u>f'inqas minn sitt xhur</u> wara li ngħata t-tbeżbiża kif hawn fuq imsemmi.

Illi b'hekk, ma jistax jingħad li l-akkużat ma ngħatax opportunitajiet sabiex jirriforma ruħu u, fil-fehma tal-Qorti, kwalunkwe sentenza retributorja fil-konfront tiegħu hija inutli u ma sservi għall-ebda skop. B'hekk huwa mistħoqq li l-akkużat jingħata piena karċerarja effettiva.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet akkuża tirrigwarja t-twettiq ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża erogata minn din il-Qorti, diversament ippreseduta fil-25

[8] Ippreżentata bħala dok "CC1" a fol. 189 tal-Atti proċesswali.

ta' Lulju 2017[9] liema perjodu operattiv reġa' ġie estiż minn din il-Qorti b'sentenza erogata nhar it-22 ta' Marzu 2018.[10] Jirriżulta li dawn is-sentenzi ma ġewx appellati[11] u b'hekk saru definittivi.

Illi jirriżulta li r-reati *de quo* twettqu waqt il-perjodu operattiv kif msemmi u b'hekk il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova it-tielet u r-raba' akkużat fil-konfront tal-akkużat.

Ikkonsidrat;

Illi l-ħames akkuża tirrigwardja l-allegat ksur ta' libertà kondizzjonata imposta fuq l-akkużat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2017.

Illi jirriżulta li l-prosekuzzjoni ppreżentat sentenza[12] li turi li kienet mogħtija fis-27 ta' Novembru 2017, liema sentenza ma illiberatx lill-akkużat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor, iżda għaddiet sabiex tat piena skont il-liġi. Il-prosekuzzjoni ppreżentat ukoll il-verbal tas-seduta li matulha kienet erogata l-imsemmija sentenza liema verbali, madanakollu jġib id-data tat-12 ta' Diċembru 2017.

Illi fid-dawl tal-fatt li ma hemmx ċertezza dwar id-data tas-sentenza kif erogata kif ukoll fid-dawl tal-fatt li s-sentenza preżentata mill-prosekuzzjoni ma tindikax li l-akkużat ingħata l-libertà kondizzjonata, il-Qorti ma tistax issib ħtija f'din l-akkuża u b'hekk qed tilliberaħ minnha.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-prosekuzzjoni ppreżentat vera kopja tas-sentenza erogati minn dina l-Qorti datati 25 ta' Lulju 2017 u 22 ta' Marzu 2018. Minn dawn is-sentenzi jirriżultaw il-konnotati neċessarji

---

[9] Ara Dok "CC2" a fol. 195 et seq tal-atti proċesswali.
[10] Ara Dok "CC1" a fol. 189 et seq. tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda tar-Reġistratur tal-Qorti datata 4 ta' April 2022, a fol. 231 tal-atti proċesswali.
[12] Ara fol. 251 et seq tal-atti proċesswali.

sabiex din il-Qorti tkun sodisfatta li dawk is-sentenzi u dawn l-akkużi jirrelataw għall-istess persuna. Di più, saret il-prova neċessarja quddiem din il-Qorti illi s-sentenzi ma ġewx appellati. B'hekk l-addebitu tar-reċidiva jinsab pjenament sodisfatt.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 28A, 28B, 28Ċ, 31, 49, 50, 214, 215, 216, 325(1)(b), 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil **Keith Gravina <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberaħ mit-tieni u mill-ħames akkużi.

Illi fir-rigward tal-piena għall-ewwel akkuża, il-Qorti qed tikkundanna lil Keith Gravina għal piena ta' priġunerija effettiva għall-perjodu ta' **tlett (3) snin**.

Illi fir-rigward tat-tielet u r-raba' akkuża u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi l-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija, mogħtija fis-sentenza ta' din il-Qorti datata il-25 ta' Lulju 2017, kif estiża bis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018 tidħol fis-seħħ.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Justyna Patrycja Pakula għall-perjodu ta' tlett (3) snin li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta tiġi skontata il-piena erogata b'din is-sentenza jew minn meta din tiġi maħfura kif ukoll dik erogata bis-sentenza tal-25 ta' Lulju 2017, kif estiża bis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 2018 u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi in vista tal-fatt illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati ebda esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**